MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 10/2008

**Karen Marie Ebejer**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Lulju, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Dipartiment tas-6 ta' Gunju, 2007 li permezz taghha cahad it-talba ta' Ebejer ghal Ghajnuna Socjali peress li hija kienet cahdet lilha nnifisha minn mezzi li kellha; ra wkoll l-appell tal-legali taghha li dahal fit-22 ta' Gunju 2007.

Dan l-appell bi qbil bejn il-partijiet gie konsidrat flimkien ma' appell iehor ta' Ebejer 334/06, li qed jigi wkoll deciz illum, u ghalhekk issir ampja riferenza ghal file u ghas-sentenza l-ohra.

Jidher li meta Ebejer iffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni minn ma' zewgha fit-22 ta' Settembru 2006, hija accettat li ma tircevix manteniment ghal uliedha jekk ir-ragel ma jkunx imsiefer almenu ghal perjodu ta' xahar; jigi rilevat li sa ftit qabel ma ffirmat dan il-kuntratt, hija kienet tircevi l-Assistenza Socjali. Din giet imwaqqfa ghax id-Direttur fehem li l-kliem tal-kuntratt kien ser iwassal biex fil-prattika il-missier ma kien ser ihallas xejn ghal uliedu.

Tul id-diversi seduti, dejjem giet esplorata t-triq li l-appellanti tiftah proceduri l-Qorti halli tirrimedja ghal din l-anomalija u jsir il-bdil opportun fil-kuntratt ta' separazzjoni biex il-missier jigi mgieghel ihallas xi manteniment ghal uliedu; dan jidher ukoll mill-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu 2008. B'danakollu jirrezulta li l-appellanti tul dawk ix-xhur kollha, ma hadet ebda pass konkret f'din id-direzzjoni u skond l-ahhar verbal, l-avukat taghha kiteb lil zewgha dan l-ahhar, u biss wara li r-ragel stess kien staqsiha kif kienu ser jibqghu fuq id-dar matrimonjali li ghadha tat-tnejn.

Mic-cirkostanzi kollha u dokumenti quddiem l-Arbitru, huwa tal-fehma li d-Dipartiment kien gustifikat meta ha d-decizjoni appellata u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi michud.**"**

Ir-rikorrenti Karen Marie Ebejer tavvanza bl-appell taghha minn din is-sentenza l-ilment illi l-akkordi milhuqa bejnha u zewgha fil-kuntratt ta' separazzjoni tat-22 ta' Settembru, 2006 ma kellhomx jigu mfissra fis-sens moghti mid-Direttur tas-Sigurta` Socjali u mill-Arbitru illi zewgha ma kienx obbligat ghall-manteniment ta' l-ulied minuri;

Minn dak li jirrizulta mill-atti r-raguni provvduta mid-Direttur appellat ghac-cahda minnu ta’ l-assistenza socjali lill-appellanti hi msejsa fuq il-konsiderazzjoni illi b’dak kontenut fi klawsola 3 (d) tal-kuntratt ta’ separazzjoni hu “ma setax ikun sodisfatt illi l-appellanti mhux qed iccahhad lilha nnifisha, direttament jew indirettament minn mezzi ta’ ghajxien biex tikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali”. L-imsemmija klawsola tipprovdi illi “*prior to the sale of the matrimonial home and in the event that the Husband is abroad for a period exceeding one (1) month, then he shall contribute towards the ordinary day-to-day maintenance of the said minor children ...*”. Ghall-appellat, la l-possibilita` ta’ safar mir-ragel ghall-aktar minn xahar kien event remot, huwa iddeduca illi allura l-appellanti qatt ma hi ser tkun fil-posizzjoni li tircievi manteniment ghal uliedha;

Ma jistax ikun dubitat illi hu fid-dawl tat-termini u tal-kondizzjonijiet specifikati fil-kuntratt ta’ firda li trid tigi deciza t-talba ta’ l-appellanti ghar-revoka tas-sentenza impunjata u, allura wkoll, il-pretensjoni taghha espressament artikolata bl-aggravju sottomess. Proprju, il-qofol tal-vertenza f’dan il-kaz tikkoncerna l-interpretazzjoni li trid tigi akkordata lill-kuntratt tas-separazzjoni. Ghal precisazzjoni, jekk dik l-interpretazzjoni tad-Direttur appellat kienetx wahda korretta jew gustifikativa tad-decizjoni tieghu li jwaqqaf l-ghajnuna socjali;

L-osservazzjonijiet li trid taghmel din il-Qorti fil-kaz partikulari huma s-segwenti:-

(1) Fl-ewwel lok, u qabel kollox, qed jinghad b’mod generali illi f’materja ta’ interpretazzjoni ta’ kuntratti ghandha tkun ippreferita dik l-interpretazzjoni li l-aktar tikkorrispondi ghall-ghaqda tas-sinjifikati rizultanti mill-konsiderazzjoni tad-diversi klawsoli tal-kuntratt. Ikun zball jekk wiehed jiffoka l-attenzjoni tieghu fuq xi klawsola partikulari, svixxerata mill-kumplament. Min hu msejjah

biex jiddeciedi ghandu, invcece, jezamina wkoll x'portata ghandha tigi attribwita, fic-cirkustanzi, lill-klawsoli l-ohra tal-kuntratt in kwantu, kif maghruf, id-diversi klawsoli tieghu jservu ghall-interpretazzjoni ta' xulxin b'mod illi l-kuntratt irid jigi interpretat bhala *tout ensemble*. Hu, infatti, kanoni importanti ta' l-interpretazzjoni tal-kuntratti taht il-Kodici Civili illi "l-klawsoli kollha tal-kuntratt jitfissru l-wahda bl-ohra, billi lil kull klawsola jinghata s-sens illi jidher mill-att kollu" (Artikolu 1008);

(2) Premess dan, l-ezami akkurat tal-kuntratt ta' separazzjoni *de qua*, konsiderat bhala kumpless organiku, ghandu jaghti b'rizultat illi, fuq l-istregwa ta' certi pattijiet, il-manteniment mill-missier lill-ulied ma kienx qed jigi eskluz. Jidher mill-persegwiment tal-finalita ta' dan il-kuntratt illi l-koppja qablet dwar l-ispartizzjoni ta' l-oneri fejn jidhlu l-ulied. Hekk jirrizulta illi ntlahaq qbil illi kull wiehed u wahda minnhom jipprovdi ghal "*day-to-day maintenance*" tat-tfal fis-somma ta' erbghin lira fix-xahar meta dawn ikunu fil-kontroll u l-kura taghhom. Gie maqbul ukoll illi konguntament jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez ta' l-ilbies u ghall-kura medika straordinarja ta' l-ulied. Barra minn dan, ir-ragel assuma fuqu l-piz li jipprovdi interament a spejjez tieghu ghall-edukazzjoni ta' l-istess ulied. Ara klawsoli 3(b) u 3 (c) tal-kuntratt;

(3) Huwa veru li hemm ukoll il-klawsola 3(d) senjalata mid-Direttur u aktar 'il fuq riportata. Meta din il-klawsola tigi kkunsidrata flimkien mal-klawsoli l-ohra appena accennati, il-konkluzjoni interpretativa, fil-hsieb tal-Qorti, ma kellhiex tkun, illi l-obbligu mir-ragel tal-mantenimnet ghall-ulied gie ghall kollox eskluz biex, kif asserit, l-appellanti tapprofitta ruhha mill-ghajnuna socjali. Fil-previzjoni tal-ligi taht il-Kodici Civili jidhlu wkoll taht il-kappa tal-manteniment "l-ispejjez ghas-sahha u ghall-edukazzjoni" ta' l-ulied. Ara Artikolu 19 (2) tal-Kodici;

(4) Minn dan dedott hi l-opinjoni ponderata ta' din il-Qorti illi l-presumibbli volonta tal-koppja b'dak il-kuntratt ma kienetx dik soggettivament assunta mid-Direttur appellat. Anzi, jista' jinghad illi mill-kumpless tal-pattijiet il-

verita` sostanzjali kienet oggettivament dik illi r-ragel jikkontribwixxi hu wkoll ghall-manteniment ta' uliedu;

(5) Taht dan il-profil, ma kellux jigi pregudikat id-dritt ta' l-appellanti ghall-prosegwiment ta' l-assistenza s'intendi fil-harsien u r-rispett tad-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli, u d-Direttur appellat ma kienx gustifikat fid-decizjoni tieghu bazata fuq l-interpretazzjoni supposta tieghu ta' klawsola partikulari izolata mill-kumplament.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh u konsegwentement s-sentenza appellata qed tigi revokata u qed tintlaqa' t-talba ta' l-appellanti ghal konsegwiment tal-ghajnuna socjali mid-data li l-applikazzjoni taghha giet rigettata. Fic-cirkustanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------